



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

12294/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0310 (NLE)

MAMA 149
MED 46
TU 13

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta'...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha,
ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni
bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda,
u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra,
biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra¹, ("il-Ftehim"), kien iffirmit fis-17 ta' Lulju 1995. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1998.
- (2) Ir-Repubblika tal-Kroazja saret Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 6(2) tal-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Ftehim irid ikun hemm qbil dwarha permezz ta' protokoll għall-Ftehim ("il-Protokoll"). Skont proċedura ssimplifikata, irid jiġi konkluż protokoll bejn il-Kunsill, li jaġixxi unanimament f'isem l-Istati Membri, u l-pajjiż terz ikkonċernat.
- (4) Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-pajjiżi terzi kkonċernati fid-dawl tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni. In-negozjati mar-Repubblika tat-Tuneżija kienu konklużi b'suċċess fl-11 ta' Mejju 2018.

¹ ĠU L 97, 30.3.1998, p. 2.

- (5) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/...¹⁺ il-Protokoll ġie ffirmat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha fi [...] fi [...]++, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (6) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi approvat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/ ... ta' ... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L..., p. ...).

⁺ Notal lill-ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tas-serje u kkompleta ir-referenza fin-nota ta' qiegħ il-paġna koorisponenti għad-deċiżjoni li tinsab f'ST 12292/18.

⁺⁺ Notal lill-ĠU: Jekk jogħġbok daħħal il-post u d-data tal-iffirmar ta' dak il-Protokoll.

Artikolu 1

Il-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha¹⁺.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 7(1) tal-Protokoll.

¹ It-test tal-Protokoll ġie ppubblikat fi [jekk joġġbok agħti r--referenza tal-ĠU], flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar.

⁺ Notal lill-ĠU: Jekk joġġbok daħħal ir-referenza għall-pubblikazzjoni għall-Protokoll li jinsab f'ST 12295/18.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
